2026/236

28.1.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/236**

**tas-27 ta' Jannar 2026**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1398 (EUTM Somalia/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/96/PESK, li stabbiliet missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia).

(2) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia (il-"Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE").

(3) Fid-9 ta' Lulju 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1398 ([2]), li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Marco MANZONE bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mit-18 ta' Lulju 2025.

(4) Fis-27 ta' Novembru 2025, il-Kap tad-Direttorat tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija ġie infurmat mill-awtoritajiet militari Taljani li kien intemm il-mandat tal-Brigadier Ġeneral Marco MANZONE bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(5) Fis-17 ta' Diċembru 2025, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Kurunell Elio MANES biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Marco MANZONE bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE (il-"ħatra proposta"). L-awtoritajiet militari Taljani indikaw li l-Kurunell Elio MANES ser jiġi promoss għal Brigadier Ġeneral qabel il-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(6) Fit-18 ta' Diċembru 2025, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia appoġġa l-ħatra proposta.

(7) Fit-8 ta' Jannar 2026, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Kurunell Elio MANES jinħatar Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(8) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kurunell Elio MANES bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(9) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1398 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Elio MANES huwa maħtur bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mit-30 ta' Jannar 2026.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1398 hija b'dan mħassra.

([1]) ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/96(1)/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/1398 tad-9 ta' Lulju 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1908 (EUTM Somalia/1/2025) (ĠU L, 2025/1398, 11.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1398/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta’ Jannar 2026.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta’ Jannar 2026.

*Għall-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK